IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 16**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 11 ta' Frar 2014 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tanti | Ambaxxatur |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 13**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G13 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 13

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 13**

2.01 Ma hemm l-ebda punt li joħroġ mill-Minuti G13. Punti li joħorġu mill-Minuti G 13

** **Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi tiġi diskussa issa *item* numru 12 tal-aġenda. Dan sabiex il-perit tal-Kunsill ikun jista'**


8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

**jagħti spjegazzjoni tar-rapport tal-aġġudikazzjoni dwar l-offerta għall-kostruzzjoni ta' bankini - RLC/T/126/13. Il-Kunsill qabel unanimament.**

## 12.00 Għażla ta'offerta għall-Kostruzzjoni ta' Bankini - RLC/T/126/13

** Il-Kunsillier Ian Vassallo u l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi daħlu għal-laqgħa fis-7.10 ta' filgħaxija.

12.01 Saret diskussjoni dwar ir-rapport ta' aġġudikazzjoni mħejji mill-perit tal-Kunsill is-Sur Daniel Micallef. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaċċetta r-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-perit tal-Kunsill u għalhekk irrakkomanda li l-offerta tingħata lill-irħas offerent li huwa r-*Road Maintenance Services Ltd.* Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tar-rapport tal-perit tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Għażla ta'offerta għall-kostruzzjoni ta' bankini - RLC/T/126/13

## 3.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 14

3.01 Il-minuti tas-seduta numru G14 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 14

## 4.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 14 — Punti li joħorġu mill-Minuti G 14

4.01 2.01 Il-Kunsillier Paul Grech informa l-laqgħa li s-Segretarjat tal-Agrikoltura, Sajd u Ħarsien tal-Annimali kien bagħat il-ħaddiema u nqabdu l-ewwel sett ta' ħamiem minn taħt tal-Virtù. — Petizzjoni rigward ammont kbir ta' ħamiem

4.02 ** Sospensjoni tar-Regolamenti — Għażla mill-ġdid tal-offerta tat-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ashtrays* - RLC/T/133/13

Is-Sindku nforma l-laqgħa li l-kuntrattur WM Environmental kien offra li jagħti s-servizz tat-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins* u *ashtrays* b'xejn sakemm jgħaddi ż-żmien tal-appell.

Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li tinbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-kutrattur. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.03 6.01 Is-Sindku ppropona li l-laqgħa bejn il-Kunsilliera sabiex jiġi diskuss il-Pjan ta' Ħidma għat-tliet snin li ġejjin issir nhar it-Tlieta 25 ta' Frar fis-7.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel. — Pjan ta' ħidma għat-tliet snin li ġejjin

4.04 9.07 Il-Kunsillier Ian Vassallo informa l-laqgħa li n-*Nigret Youth Centre* kienu għadhom iridu jikkonfermaw jekk hux ser ikunu f'pożizzjoni li jorganizzaw din l-attività flimkien mal-Kunsill, minħabba li l-*Youth Centre* sofra diversi ħsarat kaġun tal-maltemp. Il-Kunsillier Vassallo kompla billi qal li l-biljetti għal dan il-*carnival party* ser ikunu jiswew €5. Huwa ppropona li l-Kunsill jikri *PA System* għal din l-attività. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. — *Carnival party* għat-tfal

**5.00 Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità**

5.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Paul Grech. Il-minuti ġew approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità

**6.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

6.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0275/14,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-sid tal-ħanut *Toffee & Co* fejn kienet qiegħda titlob *No Objection* mingħand il-Kunsill sabiex tarma l-imwejjed u s-siġġijiet quddiem il-ħanut li qiegħed 34, Triq Santu Wistin.

Permess għal tpoġġija ta' mwejjed u siġġijiet

Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħti din in-*No Objection* bil-kundizzjoni li jitħalla aċċess biex jgħaddi l-pubbliku kemm bis-siġġijiet tar-roti, b'*pushchairs* kif ukoll l-ambulanza. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0146/14** s-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill ġie mitlub mid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jagħti l-kummenti tiegħu rigward it-talba ta' *Le Vin Snack Bar* sabiex jarma mwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut. Ġie deċiż li l-Kunsill m'għandux kummenti x'jgħaddi minħabba l-fatt li l-imsemmi ħanut diġà ħareġ l-imwejjed u s-siġġijiet tant li anke għamel xi *street furniture*.

Permess għal tpoġġija ta' mwejjed u siġġijiet

6.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0128/14,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba mingħand il-*General Manager* ta' *Xara Lodge* fejn qed jitlob li ssir manutenzjoni tas-Sqaq taċ-Ċawla. Huwa qed jilmenta wkoll li minħabba l-inġenji kbar li jgħaddu minn din it-triq qed jinħoloq periklu għal minn ikun ħiereġ mill-parkeġġ tal-istess *Xara Lodge* għaldaqstant qed jitlob lill-Kunsill sabiex din il-problema tiġi diskussa ma' TM.

Talba *Xara Lodge*

Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li għandha titwaħħal mera sabiex jonqos il-periklu għal dawk il-vetturi li jkunu ħerġin mill-parkeġġ ta' Xara Lodge filwaqt li dwar il-manutenzjoni tat-triq, il-Kunsill qabel li l-ewwel nistennew li jsiru x-xogħlijiet fuq il-*main* tad-drenaġġ.

6.04 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienet qed titlob il-permess tal-Kunsill sabiex tħaffer trinka ġol-Isqaq taċ-Ċawla biex isir il-*main* tad-drenaġġ għar-residenti ta' dik iż-żona. Il-Kunsill laqa' b'sodisfazzjon dan l-iżvilupp u qabel li jinħarġu l-permessi meħtieġa.

Ħruġ ta' permess lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma

**7.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 230

7.01 Is-Segretajru Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-pagament numru 6240 li jmur lura għas-sena 2010, liema ammont jaqbeż il-limitu stipulat fil-liġi għal *direct order*. Billi s-Segretarju Eżekuttiv ma kinitx fil-Kunsill meta seħħ dan, talbet direzzjoni mingħand il-Kunsill billi ma nstabitx lanqas *works order*.

Ħruġ ta' pagamenti nru 6240 dovuti lill-Awditorjum ta' St. Agatha

Il-Viċi Sindku Doris Coleiro li kienet membru fil-Kunsill dak iż-żmien ikkonfermat li dan is-servizz ingħata u għaldaqstant ipproponiet li dan il-pagament jitħallas. Wara talba għal vot irriżulta li kien hemm ħames voti favur u żewġ astensjonijiet. Il-vot għadda.

7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-pagament numru 6236 kien qiegħed jidher ikkanċellat fuq l-iskeda tal-pagamenti minħabba l-fatt li dak il-pagament kien diġà tħallas. Dan kien pagament dovut lill-*MITA* li għalih kienet intbagħtet *invoice* darbtejn.

Pagamenti nru 6236

7.03 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona l-iskeda tal-ħlasijiet numru 230 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet numru 230

**8.00 Approvazzjoni tal-*Budget* 2014**

8.01 Is-Sindku Charles Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tagħti spjega tal-*budget* għas-sena 2014.

Approvazzjoni tal-*Budget* 2014

Is-Sindku wara li rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tal-ispjega dettaljata li tat fuq il-*budget*, ippropona li l-*budget* imħejji għas-sena 2014 jigi approvat kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-*budget* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

** **F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jirrisolvi fi stadju ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti (hekk kif maħtur f'seduta G02), wara diversi tentattivi sabiex dan il-Bord jiltaqa' ma mmaterjalizzawx.**

Il-Bord evalwa l-kwotazzjoni mitfugħa għas-servizz ta' *Mini Bus* Rabat/Imtarfa – RLC/Q/0083/13

Intefgħu sitt offerti hekk kif ġej:

| | **Isem** | **Rata Ewro** |
|---|---|---|
| 1 | Is-Sur Stephen Inguanez | €18.97 |
| 2 | SilverStar Transport | €11.80 |
| 3 | Is-Sur Emanuel Micallef | €17.97 |
| 4 | Is-Sur Antoine Sant | €30.68 |
| 5 | Is-Sur David Cuschieri | €35.00 |

| | | |
|---|---|---|
| 6 | Is-Sur Leo Grech | €25.00 |

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent *Silver Star Transport* peress li din kienet l-irħas offerta mitfugħa.

Il-Bord evalwa l-kwotazzjoni mitfugħa għas-servizz ta' żbir ta' siġar – RLC/Q/0084/13

Intefgħu tliet offerti hekk kif ġej:

| | **Isem** | **Rata Ewro** |
|---|---|---|
| 1 | Is-Sur Emanuel Ciantar | €7.00 żgħar<br>€21.00 tan-nofs<br>€35.00 kbar |
| 2 | Is-Sur Carmelo Sciortino | €50.00 żgħar<br>€100.00 tan-nofs<br>€150.00 kbar |
| 3 | Is-Sur Melosaul Balzan | €8.00 żgħar<br>€20.00 tan-nofs<br>€33.00 kbar |

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa u aċċetta l-kjarifikazzjoni li għamel il-Kuntrattur dwar l-offerta tiegħu. Il-Bord qabel li jirrakkomanda lill-offerent is-Sur Emanuel Ciantar peress li dan dejjem offra servizz tajjeb lill-Kunsill.

Il-Bord evalwa l-kwotazzjoni mitfugħa għall-pubblikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill 'Ir-Rabta' – RLC/Q/0085/13

Intefgħu żewġ offerti hekk kif ġej:

| | **Isem** | **Rata Ewro** |
|---|---|---|
| 1 | Union Print | €2,427.60 |
| 2 | Gutenberg Press Ltd | €2,100 |

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent *Gutenberg Press* peress li hija l-irħas offerta mitfugħa.

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għas-servizz ta' *Contracts Manager*- RLC/T/131/13

Intefgħu żewġ offerti hekk kif ġej:

| | **Isem** | **Rata Ewro** |
|---|---|---|
| 1 | Is-Sur Raphael Carabott | 4.57% |

| | | |
|---|---|---|
| 2 | Is-Sur Ronald Scicluna | 5.00% |

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent is-Sur Ronald Scicluna peress li d-differenza bejn iż-żewġ offerti mitfugħa hija waħda minima ta' 0.3% u apparti minn hekk is-Sur Scicluna dejjem ta servizz tajjeb lill-Kunsill.

**F'dan il-ħin intemmet il-ħidma tal-Bord u għaldaqstant is-seduta rritornat fi stadju ta' Kunsill u kompliet b'*item* nru 9 tal-aġenda.**

**9.00 Għażla ta' kwotazzjoni għal servizz ta' *Mini Bus* Rabat/Mtarfa – RLC/Q/0083/13**

9.01 Is-Sindku ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-kwotazzjoni għal servizz ta' *Mini Bus* Rabat/Imtarfa lill-offerent *Silver Star Transport* peress li hija l-irħas offerta mitfugħa. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla ta' kwotazzjoni għal servizz ta' *Mini Bus* Rabat/Imtarfa – RLC/Q/0083/13

**10.00 Għażla ta' kwotazzjoni għall-Żbir ta' Siġar – RLC/Q/0084/13**

10.01 Is-Sindku ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord u aċċetta l-kjarifikazzjoni li għamel il-Kuntrattur dwar l-offerta tiegħu, jaġġudika l-kwotazzjoni għal servizz ta' żbir ta' siġar lill-offerent is-Sur Emanuel Ciantar peress li dan dejjem offra servizz tajjeb lill-Kunsill. Issekondata din il-mozzjoni l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla ta' kwotazzjoni għal Żbir ta' Siġar – RLC/Q/0084/13

**11.00 Għażla ta' kwotazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill 'Ir-Rabta' – RLC/Q/0085/13**

11.01 Is-Sindku ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-kwotazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill 'Ir-Rabta' lill-offerent *Gutenberg Press* peress li hija l-irħas offerta mitfugħa. Issekondat din il-mozzjoni l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla ta' kwotazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill 'Ir-Rabta' – RLC/Q/0085/13

**13.00 Għażla ta' offerta għal servizz ta' Contracts Manager - RLC/T/131/13**

13.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord tal-aġġudikazzjoni tal-offerti, jaġġudika l-offerta għal servizz ta' *Contracts Manager* lill-offerent is-Sur Ronald Scicluna, peress li d-differenza bejn iż-żewġ offerti mitfugħa hija waħda minima ta' 0.3% u apparti minn hekk is-Sur Scicluna dejjem ta servizz tajjeb lill-Kunsill. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla ta' offerta għal servizz ta' Contracts Manager - RLC/T/131/13

**14.00 Korrispondenza**

14.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0287/14**, is-Sindku nforma l-laqgħa li l-Ministru tas-Saħħa Dr Farrugia kien qed jitlob laqgħa mal-Kunsill sabiex tiġi diskussa s-saħħa fil-lokalità. Ġie deċiż li l-laqgħa ssir fid-data proposta mill-Ministru Dr Farrugia li hija dik tal-Ħamis 27 ta' Frar fit-3:30 pm.

Laqgħa mal-Ministru tas-Saħħa

** Il-Kunsillier Rudolph Grima daħal għal-laqgħa fid-9:00 ta' filgħaxija.

14.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1080/14**, is-Segretajru Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Bord tal-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq kien qed jinforma lill-Kunsilli Lokali bil-proċess li jrid isir mill-Kunsill fl-evantwalità li jkun irid jibdel xi ismijiet tat-toroq.

Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tissemma Triq għal Dun Carm Cefai, iżda l-Viċi Sindku infurmatu li dan ma setax isir għaliex l-imsemmi Dun Carm m'ilux sentejn mejjet.

14.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0054/14** s-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kumitat Konġunt ta' Birkirkara kien beda l-proċess sabiex jiġi xolt. Fid-dawl ta' dan il-Kunsill qiegħed jiġi mitlub biex jiffirma ftehim sabiex il-multi kollha li inħarġu qabel l-1 ta' Settembru 2011 u li ser jitħallsu mill-1 ta' Jannar 2014 jkunu depositati direttament fil-kont tal-Kunsill.

Xoljiment tal-Kumitat Konġunt ta' Birkirkara

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li dan il-ftehim jiġi ffirmat. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

** Il-Kunsillier Paul Grech ġie skużat fid-9:05 ta' filgħaxija.

14.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0188/14**, is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ittra mingħand *Niget Limited*, fejn infurmawna li l-kuntratt tal-kiri tal-garaxx kien skada u dan ma kienx ser jerġa' jiġi mġedded.

Terminazzjoni tal-kirja tal-garaxx tal-Kunsill

Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi saħaq li jekk il-vann kien ser jitħalla pparkjat barra fit-triq ser ikun hemm riskju kbir li dan jiġi vandalizzat. Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li jekk ma kienx ser jinstab garaxx ieħor il-vann tal-Kunsill ikollu jinbiegħ. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.05 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0228/14,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba mingħand resident li joqgħod fi Triq Vincenzo M. Pellegrini, sabiex ibaxxi l-bankina ta' quddiem il-garaxx tiegħu sabiex ikun jista' jagħmel użu mill-garaxx tiegħu b'mod aktar sikur. Ir-resident fit-talba tiegħu qal li dawn ix-xogħlijiet ser isiru għas-spejjes tiegħu.

Talba sabiex titbaxxa bankina fi Triq Vincenzo M. Pellegrini

Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ppproponiet li l-Kunsill jilqa' din it-talba. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel li jilqa' din it-talba bil-kundizzjoni li quddiem il-garaxx isir *drop kerb* u mhux rampa.

14.06 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0203/13** is-Sindku Charles Azzopardi informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyre* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq.

Ħsara fuq *tyre* ta' karozza

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa.

14.07 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0202/13** is-Sindku Charles Azzopardi informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyre* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq.

Ħsara fuq *tyre* ta' karozza

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa.

14.08 B'referenza għall-korrispondenzi numru **50/0065/14, 50/0169/14, 50/0199/14, 50/0216/14, 50/0066/14, 50/0197/14, 50/0204/14 u 50/0362 /14** wara diskussjoni li saret il-kunsill qabel li japprova biss il-bozza fi Triq il-Kunċizzjoni (ref. nru 50/0065/14) minħabba l-fatt li għal din il-bozza m'hemmx spejjeż ġodda għaliex l-arblu huwa diġà eżistenti. Dwar il-bozoz l-oħra ġie deċiż li l-ewwel isiru l-bozoz li hemm fuq il-*waiting list* sabiex ma jinqabeż ħadd. Installazzjoni ta' bozoz

**15.00 Memo 25/2013 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2013-2014**

15.01 Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li minħabba l-fatt li ż-żewġ dati proposti mill-Kunsill ma ġewx milqugħa mill-bord, din l-attività għandha tiġi kkanċellata. Memo 25/2013 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2013-2014

**16.00 Memo 34/2013- Sejħiet għall-offerti/ Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dwal fit-Toroq**

16.01 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 34/2013- Sejħiet għall-offerti/ Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dwal fit-Toroq. Huwa qal li bhalissa kienu ghaddejin diskussjonijiet fis-seduti tar-Regjun Tramunta sabiex tinhareg offerta komuni ghal-Kunsilli kollha li jaghmlu parti min dan ir-regjun. Memo 34/2013 - Sejħiet għall-offerti/ Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dwal fit-Toroq

Is-Sindku ppropona li l-offerta tal-manutenzjoni tad-dawl għandha tinħareġ flimkien mar-Reġjun Tramuntana. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

**17.00 Memo 4/2014 - Skema Kunsilli Lokali b'responsabbilità ta' Librerija Lokali**

17.01 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 4/2014 - Skema Kunsilli Lokali b'responsabbilità ta' Librerija Lokali. Huwa qal li l-Gvern Ċentrali kien ser jerġa' jagħti għajnuna finanzjarja lil dawk il-Kunsilli li għandhom devoluta lilhom librerija lokali jew reġjonali. Liema għajnuna ser tkun ekwivalenti għan-nefqa li ser joħroġ il-Kunsill mill-allokazzjoni tiegħu. Memo 4/2014 - Skema Kunsilli Lokali b'responsabbilità ta' Librerija Lokali

Is-Sindku ppropona li n-nefqa mill-allokazzjoni tal-Kunsill għal din l-iskema għandha tkun ta' €200. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**18.00 Memo 5/2014 - Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal *Streaming* tal-Laqgħat Online**

18.01 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 5/2014 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013- 2014. Memo 5/2014 - Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Streaming tal-Laqgħat Online

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japplika għal din l-iskema li tkompli mal-ewwel skema. Issekondat din il-proposta l-Kunsillier Andrew Maliia. Il-Kunsill qabel unanimament.

**19.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduta numru A36**

19.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-KA tal-Baħrija A36 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Baħrija A36

**20.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù - Seduta numru A37**

20.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtù A37 jittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Virtù A37

**21.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù - Seduta numru A38**

21.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtù A38 jittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Virtù A38

**22.00 Materji Oħra**

22.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jsir 22 tunnellata ta' *extensive patching* f'dawn it-toroq: Xogħlijiet infrastrutturali f'diversi toroq

Il-Pjazza ta' Ħofret ir-Rizz
L-Imtaħleb
Tal-Ħamri
Tal-Ġuvni
Tas-Sirena
Old Żebbuġ Rd.

Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**23.00 Data tas-seduta li jmiss**

23.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar il-11 ta' Marzu 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija. Aġġornament

23.02 Il-laqgħa ntemmet fl-10:00 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta ... 11 ... ta' Marzu 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**